31979R2878

L 325/1 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* 21.12.1979

IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KEE) Nru 2878/79
tas-17 ta' Diċembru 1979
li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 2358/71 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq taż-żrieragħ u r-Regolament (KEE) Nru 950/68 dwar it-Tariffa Doganali Komuni

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi il-Komunità Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari Artikolu 43 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni (1),

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew (2),

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali (3),

Billi, b'riżultat ta' l-implimentazzjoni tal-Ftehim li rriżultaw minnegozjati tal-kummerċ multilaterali, ċerti tibdiliet għandhom isiru fir-regoli tal-Kumunità li jirregolaw is-suq tar-ross;

Billi għandhom jittieħdu miżuri xierqa biex jistabilizzaw is-suq tar-ross u taż-żerriegħa tar-ross u biex jiżguraw dħul xieraq għall-produtturi nvoluti;

Billi għal din ir-raġuni ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2358/71 tas-26 ta' Ottubru 1971 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq taż-żrieragħ (4), kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 234/79 (5), stabbilixxa dispożizzjonijiet, *inter alia,* għall-għoti ta' għajnuna għall-produzzjoni ta' ċerti żrieragħ; billi dak ir-Regolament għandu jiġi estiż għar-ross għaż-żriegħ, li sa issa kien regolat bir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1418/76 tal-21 ta' Ġunju 1976 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq fir-ross (6), kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 1552/79 (7);

Billi għandha tinħoloq ukoll l-possibbiltà li tiġi mħeġġa l-produzzjoni ta' żerriegħa tar-ross bażika u ċertifikata, permezz ta' l-għoti ta' l-għajnuna stabbilità; billi dan il-prodott għandu jkun inkluż fl-Anness tar-Regolament (KEE) Nru 2358/71;

Billi Artikolu 3 tar-Regolament (KEE) Nru 2358/71 jistabbilixxi li l-ammont ta' l-għajnuna tal-produzzjoni għandu jiġi ffissat kull sentejn qabel l-1 ta' Awissu għas-sena tal-*marketing* li tibda fis-sena ta' wara u għas-sena tal-*marketing* sussegwenti; billi, madanakollu, l-ammont ta' għajnuna għat-tieni sena jista' jiġi modifikat qabel l-1 ta' Awissu tas-sena ta' qabel l-applikazzjoni tagħha kemm-il darba l-istabbilità tas-suq fil-Komunità tidher li tkun mhedda b'mod serju; billi jidher ċar mill-qagħda fis-suq fil-prattika li din id-data hija bikrija wisq; billi għalhekk ikun tajjeb jekk it-terminu ta' skadenza għal din il-modifika jiġi stabbilit f'data qabel il-bidu tas-sena tal-*marketing* in kwestjoni u li jagħti biżżejjed żmien sabiex tkun tista' tittieħed azzjoni fir-rigward tal-produzzjoni;

Billi, minħabba l-karatteristiċi ta' l-organizzazzjoni komuni tas-suq taż-żrieragħ, il-*levy* fuq l-importazzjoni tar-ross għaż-żriegħ għandha tiġi mibdula b'dazju doganali ta' 12 %;

Billi malli ssir l-importazzjoni għandha ssir distinzjoni bejn l-importazzjonijiet tar-ross għaż-żriegħ u tipi oħra ta' ross; billi r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 950/68 tat-28 ta' Ġunju 1968 dwar it-Tariffa Doganali Komuni (8), kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 2384/79 (9), għandu għalhekk jiġi emendat,

(1) ĠU C 211, tat-23.8.1979, p. 4.
(2) ĠU C 289, tad-19.11.1979, p. 49.
(3) ĠU C 297, tat-28.11.1979, p. 11.
(4) ĠU L 246, tal-5.11.1971, p. 1.
(5) ĠU L 34, tad-9.2.1979, p. 2.
(6) ĠU L 166, tal-25.6.1976, p. 1.
(7) ĠU L 188, tas-26.7.1979, p. 9.
(8) ĠU L 172, tas-27.7.1968, p. 1.
(9) ĠU L 274, tal-31.10.1979, p. 9.

ADDOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KEE) Nru 2358/71 għandu jiġi emendat skond kif ġej:

1. Artikolu 1 għandu jiġi mibdul b'dan li ġej:

"*Artikolu 1*

Għandha tiġi stabbilità organizzazzjoni komuni għas-suq taż-żrieragħ li għandha tkopri l-prodotti li ġejjin:

Numru ta' l-Intestatura tat-TDK	Deskrizzjoni
07.05 A	Ħxejjex leguminużi mnixxfa, bil-qoxra, kemm jekk imqaxxra jew maqsuma u kemm jekk le, għaż-żriegħ
10.05 A	Qamħirrum ibridu għaż-żriegħ
10.06 A	Ross għaż-żriegħ
12.01 A	Żerriegħ taż-żejt u frott oleaginuż, sħiħ jew imfarrak, għaż-żriegħ
12.03	Żerriegħ, frott u spori, tat-tip użati għaż-żriegħ"

2. L-aħħar sentenza tat-tieni subparagrafu ta' Artikolu 3(1) għandha tiġi mibdula b'dan li ġej:

"Din il-modifika għandha ssir qabel il-bidu tas-sena tal-*marketing* involuta u f'biżżejjed żmien sabiex tkun tista' tittieħed azzjoni fir-rigward tal-produzzjoni."

3. Artikolu 8a għandu jiġi mibdul b'dan li ġej:

"*Artikolu 8a*

1. Ir-rata ta' dazju tat-Tariffa Doganali Komuni għandha tiġi applikata għal ross għaż-żrigħ li jaqa' taħt is-sottotitolu 10.06 A tat-Tariffa Doganali Komuni.

2. Ir-regoli ġenerali għall-interpretazzjoni tan-nomenklatura tat-Tariffa Doganali Komuni u r-regoli speċjali għall-applikazzjoni tagħha japplikaw għall-klassifikazzjoni tat-tariffa għal prodotti koperti b'dan ir-Regolament; in-nomenklatura tat-tariffa li tirriżulta mill-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament għandha tiġi nkorporata fit-Tariffa Doganali Komuni."

4. L-Anness għandu jiġi mibdul b'Anness I ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

It-Tariffa Doganali Komuni hija għalhekk emendata skond Anness II ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 1980.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u huwa direttament applikabbli fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, 17 ta' Diċembru 1979.

Għall-Kunsill

Il-President

S. BARRETT

ANNESS I

"ANNESS

Numru ta' l-Intestatura tat-TDK	Deskrizzjoni	
	1. CEREAS	ĊEREALI
10.06 A	Oryza Sativa L.	Ross
	2. OLEAGINEA	ŻRIERAGĦ TAŻ-ŻEJT
ex 12.01 A	linum usitatissimum L. partim	Kittien tal-fibra
	linum usitatissimum L. partim	Kittien taż-żerriegħa
	Cannabis sativa L. monoica	Qanneb unisesswali
	3. GRAMINEAE	ĦAXIX
ex 12.03 C	Arrhenatherum elatius (L.) J. et C. Presl	Ħaxix twil tal-ħafur
	Dactylis glomerata L.	Sieq is-serduq
	Festuca arundinacea Schreb.	Żwien twila
	Festuca ovina L.	Żwien tan-nagħġa
	Festuca pratensis Huds.	Żwien tal-mergħa
	Festuca rubra L.	Żwien ħamra
	Lolium multiflorum Lam.	Ħaxix tas-segala Taljan (inklużi *Westerworlds*)
	Lolium perenne L.	Ħaxix tas-segala perenni
	Lolium x hybridum Hausskn.	Ħaxix tas-segala ibridu
	Phleum pretense L.	Timotju
	Poa nemoralis L.	Ħaxix tal-mergħa tal-bosk
	Poa pratensis L.	Ħaxix tal-mergħa biz-zokk lixx
	Poa trivialis L.	Ħaxix tal-mergħa biz-zokk aħrax
	4. LEGUMINOSAE	LEGUMI
ex 07.05 A I	Pisum arvense L.	Piżelli ta' l-għalf
ex 07.05 A III	Vicia faba L. ssp.faba var. equine Pers.	Fażola ta' l-għelieqi kbar
	Vicia faba L.var. minor (Peterm.) bull	Fażola ta' l-għelieqi żgħar
ex 12.03 C	Medicago sativa L.	Lucerne
	Trifolium pretense L.	Silla ħamra
	Trifolium repens L.	Silla bajda
	Vicia sativa L.	Ġulbiena komuni"

ANNESS II

It-Tariffa Doganali Komuni għandha tiġi emendata skond kif ġej:

1. It-test tan-Nota Addizzjonali 2 tal-Kapitolu 10 għandha tiġi mibdula b'dan li ġej:

"2. It-termini segwenti għandu jkollhom it-tifsiriet mogħtija lilhom hawn isfel:

(a) 'Żerriegħa tar-ross tond' (10.06 B I a) 1, B I b) 1, B II a) 1 u B II b) 1): ross, li ż-żrieragħ tiegħu huma ta' tul ta' mhux aktar minn 5 72 mm u ta' *ratio* ta' tul/wisa ta' inqas minn 2;

(b) 'ross taż-żerriegħa twila' (10.06 B I a) 2, B I b) 2, B II a) 2 u B II b) 2): ross, li ż-żerriegħa tiegħu hija ta' tul ta' aktar minn 5 72 mm;

(ċ) 'Ross *Paddy*' (10.06 B I a)): ross li jżomm il-fosdqa tiegħu wara d-dris;

(d) 'Ross imqaxxar' (10.06 B I b)): Ross *paddy* li minnu tkun tneħħiet il-fosdqa biss. Eżempji ta' ross li jaqgħu taħt din id-definizzjoni huma dawk bid-deskrizzjonijiet kummerċjali 'ross kannella', 'ross tal-merkanzija', '*loonzain*' u '*riso sbramato*'

(e) 'Ross nofsu mitħun' (10.06 B II a)): ross *paddy* li minnu l-qoxra, parti min-nibbieta, u l-parti ta' barra kollha jew parti mill-perikarpu, imma mhux is-saffi ta' ġewwa, jkunu tneħħew;

(f) 'Ross mitħun kollu kemm hu' (10.06 B II b)): ross li minnu l-qoxra, is-saffi ta' barra u ta' ġewwa tal-perikarpu kollu, in-nebbieta kollha fil-każ taż-żerriegħa tar-ross twila jew semi-twila, u ta' l-inqas minu fil-każ ta' żerriegħa tar-ross tonda, jkunu tneħħew, imma li l-istrijaturi bojod longitudinali jistgħu jibqgħu fuq mhux iktar minn 10 % taż-żrieragħ;

(g) 'Ross imfarrak' (10.06 B III): frak taż-żerriegħa, li t-tul tagħhom ma jaqbiżx tlett kwarti mit-tul medju taż-żerriegħa sħiħa."

2. Fin-Noti Addizzjonali 3 D u E tal-Kapitolu 10, l-iskrizzjoni "intestatura Nru 10.06"għandha tinbidel b'"subintestatura. 10.06B".

3. L-intestatura Nru 10.06 għandha tinbidel b'dan li ġej:

"Numru ta' l-Intestatura TDK	Deskrizzjoni	Rata ta' dazju	
		% awtonomu jew *levy*	% konvenzjonali
1	2	3	4
10.06	Ross:		
	A. Għaż-żriegħ [a]	12	–
	B. Oħrajn		
	I. Ross *paddy:* ross imqaxxar		
	(a) Ross *paddy:*		
	1. Żerriegħa tonda	12(L)	–
	2. Żerriegħa twila	12(L)	–
	(b) Ross imqaxxar:		
	1. Żerriegħa tonda	12(L)	–
	2. Żerriegħa twila	12(L)	–
	II. Ross semi-mitħun u ross mitħun kollu kemm hu		
	(a) Ross semi-mitħun:		
	1. Żerriegħa tonda	16(L)	–
	2. Żerriegħa twila	16(L)	–
	(b) Ross mitħun kollu kemm hu:		
	1. Żerriegħa tonda	16(L)	–
	2. Żerriegħa twila	16(L)	–
	III. Ross imfarrak	16(L)	–

[a] Dhul taħt din is-subintestatura huwa soġġett għal kondizzjonijiet li għandhom jiġu stabbiliti mill-awtoritajiet kompetenti."